TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 445/10

**Paul u Winnie Fenech**

**vs**

**Direct Vision u Maxi Quartz SPL Ltd**

Illum 2 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' disa' mija, u disgħa w għoxrin ewro (€929), rappreżentanti prezz ta' *television flat screen Samsung 530* li kellu l-ħsara.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimati li huma rappreżentanti tas-soċjetajiet intimati, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma xtraw *television flat screen Samsung 530* u dan kellu problema bil-*motherboard* u minkejja li ippruvaw isewwuh, skond ir-rikorrenti dan ifisser illi kellu l-ħsara.

Is-soċjetajiet intimati ssottomettew illi l-problema ma kinitx il-*motherboard* imma kien il-*power supply,* u fil-fatt jirriżulta illi l-intimati biddlu l-*power supply* u t-*television* għadu qed jaħdem tajjeb.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jikkonsidra li l-intimat għandu d-dritt li jsewwi l-aqwa li t-tiswija mhux ta' xi natura kbira, anke skond il-kundizzjoni tal-garanzija.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**